MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2010

Avviz Numru. 262/2008

**Goldline International Traders Limited (C – 33096)**

**vs**

**Innocenza El Gasi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat l-14 ta’ Lulju, 2008, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lill-intimata quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ ghandiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbat elef, hames mija u erbgha u ghoxrin Euro u sebgha u erbghin centezmu, (€4,524.47), prezz ta' prodotti mibjugha lill-intimata fuq ordnijiet taghha stess, (kopja tal-prospett relattiv anness u mmarkat bhala Dok. A), li baqghet ma thallsitx, oltre l-imghaxijiet mid-dati tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv, bl-oghla rati permessi mil-ligi;

2. Illi nonostante li l-intimata giet hekk interpellata thallas diversi drabi, inkluz b' ittra bonarja datata 6 ta' Mejju, 2008, (annessa u mmarkata Dok. B), l-intimata baqghet inadempjenti;

3. Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta in subizzjoni;

Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta` rikorrenti sabiex l-intimata twiegeb ghalihom bil-gurament u b' hekk il-kreditu jigi ppruvat, (artikolu 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment l-intimata naqset u ma deheritx la fit-23 ta' Novembru, 2010, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk qed tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa` t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lill-intimata Innocenza El Gasi thallas is-somma ta' erbat elef, hames

mija u erbgha u ghoxrin Euro u sebgha u erbghin centezmu, (€4,524.47), lis-socjeta` rikorrenti Goldline International Traders Limited (C-33096);

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif dedotti kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------